MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 639/2004/1

**Francis u Maria Dolores sive Doris konjugi Buhagiar**

**v.**

**Is-Segretarju tal-Ufficcju tal-President tar-Repubbblika u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Dan hu appell ad istanza tal-atturi minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Dicembru

2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi li permezz taghha l-Qorti tal-ewwel grad iddisponiet mill-kawza billi cahdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom. L-appell tal-atturi huwa intiz biex iwassal ghar-revoka tas-sentenza appellata bil-konsegwenti akkoljiment tat-talbiet kollha attrici kif dedotti.

1.2. Ghal intendiment ahjar ta’ dana l-appell, din il-Qorti qeghda, hawn taht, tirriproduci *in toto*, is-sentenza li minnha qed isir l-appell:
“Il-Qorti:

“Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-20 ta’ Awissu, 2004, li in forza taghha wara li ppremettew illi:

“L-attur, is-Sur Francis Buhagiar kien impjegat bhala *chef*, permezz tal-kuntratt datat 26 ta’ Settembru, 1997 hawn anness u mmarkat *‘Dok. A’*, ghal dawn l-ahhar seba` (7) snin fl-Ufficcju tal-President tar-Repubblika, liema attivita` kien jizvolgi regolarment u illi fid-data tal-incident l-attur kellu seba` u hamsin (57) sena;

“L-attur korra u wegga` fuq ix-xoghol f`incident li gara fil-kcina ta’ Sant`Anton, liema incident sehh fit-18 ta’ Settembru, 2003 fejn l-istess attur soffra dizabilita` permanenti u dana wara illi huwa zelaq fl-istess kcina;

“Dan l-incident gara minhabba nuqqasijiet tal-konvenuti u d-danni gew kawzati minhabba nuqqasijiet da parti taghhom u peress illi l-konvenuti gew inutilment interpellati sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti mill-attur;

“Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghall-korriment tal-attur huma responsabbli unikament il-konvenuti solidalment jew min minnhom;

“2. Tillikwida d-danni hekk sofferti okkorendo bil-hatra ta’ periti;

“3. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati;

“Bl-ispejjez inkluz dik tal-ittra ufficcjali datata 13 ta’ Mejju, 2004 u bl-imghax mid-data tal-incident kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti in subizzjoni.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

“1. Preliminarjament il-konvenut Avukat Generali mhux legittimu kuntradittur f`dawn il-proceduri u ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju ai termini tal-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12, kif ukoll peress li hu qatt ma mpjega lill-attur u l-attur qatt ma kien fis-servizz tieghu.

“2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita` tac-citazzjoni u dan ai termini tal-artikolu 156(1a) tal-Kap. 12, stante li l-atturi ma taw l-ebda dettalji dwar l-allegati nuqqasijiet da parti tal-konvenut Segretarju tal-President, li allegatament, minhabba fihom, ir-rikorrent Francis Buhagiar zelaq u wegga’, u li allura, minhabba fihom, ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

“3. Fil-mertu, l-attur Francis Buhagiar waqt li jrid igib prova dwar l-incident imsemmi fic-citazzjoni, allegatament zelaq waqt li kien qed jaqdi dmirijietu bhala kok fl-impjieg tal-konvenut Segretarju tal-President. Il-konvenut Segretarju tal-President ma jistax jinzamm responsabbli tieghu peress li hu dejjem mexa sewwa u m`ghamel xejn li jista’ jinzamm responsabbli taghha minhabba dan l-incident.

“4. Fi kwalunkwe kaz trid tingieb prova tal-allegata inabilita` tal-attur ghall-impieg bi qliegh wara l-incident, kif ukoll tad-dhul tieghu. Triq tkun stabbilita` wkoll, permezz ta’ periti mahtura mill-Qorti, l-allegata dizabilita` permanenti tal-attur.

“5. Fi kwalunkwe kaz l-allegazzjonijiet tal-attur Francis Buhagiar huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet tal-atturi ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Rat l-affidavits prodotti bhala prova;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel talba tal-atturi;

“Ikkunsidrat;

“Jirrizulta illi b`kuntratt iffirmat fis-26 ta’ Settembru, 1997, l-attur gie impjegat bhala kok biex irendi servizzi fir-residenza ufficcjali tal-President tar-Repubblika, gewwa l-Palazz ta’ San Anton f`H`Attard. Fit-termini tal-kuntratt, l-attur *“will act in all respects according to the instructions or directions given to him by a senior Government official delegated for the purpose by the secretary to the President”*.

“Fit-18 ta’ Settembru, 2003, l-attur dahal ghax-xoghol bhas-soltu, u mar jirraporta lis-Sur Oscar Adami, l-ufficcjal governattiv ingarigat mill-Palazz. Dan tal-ahhar infurmah li dak inhar ma kien hemm hadd ghal ikel u li l-President kien imsiefer; qallu biex jiehu hsieb inaddaf il-kcina. Fil-palazz ma kienx hemm fattigi u l-hasil tal-attrezzaturi u l-accessorji, kif ukoll tal-istess kcina, kienet fdata f`idejn it-tlett koki impjegati. Il-koki kienu gew assenjati dawn id-doveri zgur mill-1994, u minn dak inhar, jekk mhux min qabel, kienu responsabbli wkoll mill-igiene fil-kcina. Dan it-tip ta’ xoghol kien regolat wkoll bi ftehim kollettiv bejn l-ufficcju tal-President u l-ghaqda li kienet tiehu hsieb l-interessi tal-impjegati fil-Palazz; skond il-ftehim kollettiv, il-

koki jridu jzommu l-kcina nadifa u jkunu responsabbli ghall-igiene.

"L-attur, wara li gie mitlub jnaddaf il-kcina, mela l-bramel tal-art bl-ilma, u tefa` l-ilma fl-art u beda joghrok l-art bl-ixkupa; l-ilma beda jigbdu u jimbutah lejn it-toqba tad-drenagg. Waqt li kien qed jahsel l-art huwa zelaq, ghola minn saqajh u gie fl-art fuq daru. L-attur jghid li hu baqa` jbati minn dizabilita` permanenti li qed taffettwalu l-prospetti ta' impieg.

"Dwar ir-responsabbilita` ghall-incident, din il-Qorti ma tarax illi tista' ssib xi tort fil-konvenut ghal dak li gara. Kuntrarjament ghal dak li allega l-attur, it-tindif tal-kcina kien ilu jsir mill-koki tal-palazz zgur milll-1994, u z-zamma tal-igiene fil-kcina kienet ukoll fost id-duties tal-kok skond il-ftehim kollettiv, li, ghal dak li huma kondizzjonijiet tal-impieg, jorbtu zgur lill-haddiema milquta b`dak il-ftehim (ara "Sammut vs Vassallo noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2000, u "Paris et vs Maltacom plc", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2004). Kwindi, ma rrizultax li l-attur kien qed jaghmel xoghol barra mid-doveri tieghu.

"Ovvjament, jibqa` xorta obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi *"a safe system of work"*, pero`, f`dan il-kaz ma jirrizultax li l-konvenut naqas f`dan l-obbligu. L-attur kellu jahsel l-art tal-kcina u gie pprovdut bl-attrezzi normali li wiehed juza ghal dan ix-xoghol. Ma kienux xi attrezzi fihom infushom perikoluzi, u l-attur kellu jinqeda bihom kif persuna ta' intelligenzja normali hi soltu li tuzhom. Biex tahsel l-art, hemm bzonn li l-art tigi mxarba bl-ilma, u peress li kulhadd jaf li art imxarba, ftit jew wisq, tizloq, sta ghal min ikun qed jahsel l-art biex joqghod attent. Ix-xoghol ta' hasil tal-art mhux xi xoghol kumplikat, jew fih innifsu perikoluz li jehtieg supervizzjoni, izda hu xoghol li fih, min ikun qed jaghmlu, irid juza dak il-minimu ta' attenzjoni li hu soltu juza fi hwejjeg tieghu stess. Hu mistenni li min ikun qed jaghmel dan ix-xoghol, tal-anqas, juza dik l-attenzjoni li soltu juza *quam suis rebus*, u jekk jinora anke dan il-minimu ta' obbligu, ma jista' jwahhal f`hadd jekk mhux fih innifsu.

"Hu veru li, min ihaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara "Grech vs Farrugia", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994), pero`, mhux biss, f`dan il-kaz, ix-xoghol hu wiehed baziku u min natura tieghu semplici, izda wkoll huwa dejjem obbligu tal-haddiem li joqghod attent waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholu (ara "Sciriha vs O`Flaherty noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994). Din il-Qorti ma ssib ebda kontribuzzjoni ghall-incident f`min ihaddem, u dak li gara sehh biss konsegwenza tan-nuqqas tal-attur li juza dak il-minimu ta' attenzjoni mistenni minnu.

"Ma jirrizultax li l-art tal-kcina in kwistjoni kienet tizloq izzejjed jew kellha xi perikolu iehor inerenti fiha, lanqas li l-attrezzi provduti kienu difettuzi jew miksura, u kwindi, lanqas b`riferenza ghal dawn ma din il-Qorti tista' tadebita xi responsabilita` lill-konvenut. Il-grad ta' responsabilita` ta' min ihaddem hu wiehed gholi u hafna hu mistenni minnu biex jisalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tal-haddiema tieghu, pero`, mhix assoluta u lanqas ma hi indipendenti minn xi forma ta' nuqqas li jrid jigi attribwit u ippruvat fil-kuntest ta' min ihaddem. Ir-responsabilita`, fis-sistema taghna, hi *"fault based"*, u fin-nuqqas ta' prova ta' negligenza fil-konfront tal-konvenut, din il-Qorti ma tistax takkoljih bir-responsabilita` ghall-incident. Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Montanaro Gauci noe", deciza fl-14 ta' Mejju, 2004.

*"Is-sistema guridika taghna ma tipprospettax it-teorija ta' "strict liability" fejn id-datur tax-xoghol jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mis-subaltern tieghu indipendentement mill-htija tal-istess impjegat, kif gie ritenut f`pajjizi esteri, in kwantu l-ligi taghna tehtieg l-element ta' negligenza fl-intervent attiv jew passiv tad-datur tax-xoghol liema nuqqasijiet jistghu jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita`"*.

"F'din il-kawza, il-Qorti ma tirriavviza ebda nuqqas da parti tad-datur tax-xoghol, u l-post tax-xoghol kien wiehed *"safe"* ghal min kien qed jaghmel ix-xoghol li kien qed jaghmel l-attur fil-hin tal-incident.

"La darba l-ewwel talba sejra tigi michuda, m`hemmx lok li l-kawza tikkompla ghas-smiegh fuq id-danni, u kwindi t-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigu michuda.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez tal-kawza kontra taghhom."

**<u>L-APPELL TAL-ATTURI</u>**

2.1. L-atturi hassewhom aggravati bis-sentenza hawn riportata u interponew l-appell biex din tigi revokata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

2.2. Fi kliem l-appellanti, l-aggravji in succint huma:-
(i) li l-ewwel Qorti interpretat malament il-"Collective Agreement" bhala wiehed illi kien jinkludi d-dover ta' Chef jew Kok li jahsel l-art;

(ii) li l-ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet illi mill-provi prodotti ma gietx stabbilita r-responsabbilta` tal-konvenuti.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI APPELLATI</u>**

3. Il-konvenuti appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati. Fil-kors tat-twegiba taghhom, l-appellati konvenuti jaghtu r-ragunijet taghhom ghad-diversi punti sollevati mill-appellanti in sostenn tal-aggravji surreferiti, liema sottomissjonijiet sejrin jigu mistharrga f'aktar dettall minn din il-Qorti fil-kors ta' din is-sentenza.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Ghal dak li jikkoncerna l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza, huwa pacifiku li l-attur, impjegat bhala kok fl-ufficcju tal-President tar-Repubblika, wegga' fuq il-lant tax-

xoghol peress illi jirrizulta li zelaq. Fil-fatt jirrizulta li l-appellant Francis Buhagiar waqa’ u gie ghal dahru meta huwa kien tqabbad mis-superjur tieghu biex jahsel l-art tal-kcina. L-attur u martu qeghdin ifittxu lill konvenuti fil-kwalita` taghhom premessa ghall-hlas ta’ danni rizultanti minn dan l-incident li wassal finalment biex l-impieg tal-attur jigi tterminat. Il-kontestazzjoni tirrigwarda sewwa sew il-kwistjoni dwar min, fl-ewwel lok, kien legalment tenut responsabbli ghall-akkadut. Fil-fatt, it-tieni u tielet talba huma talbiet konsegwenzjali ghall-ewwel talba dwar responsabbilita`. Tajjeb li jigi pprecizat li b’verbal datat it-3 ta’ Novembru 2006 (fol. 93 tal-process) il-partijiet qablu li qabel xejn l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi biss fuq l-ewwel talba dwar ir-responsabbilita` tal-incident, b’rizerva ta’ deliberazzjoni u pronunzjament ulterjuri, okkorrendo, dwar it-tieni u t-tielet talbiet. Kif rajna, l-ewwel Qorti ma sabitx htiega li tiddetermina dwar it-talbiet konsegwenzjali attrici rigwardanti d-danni stante c-cahda tal-ewwel talba.

**<u>DWAR L-AGGRAVJI TAL-ATTURI</u>**

5.1. L-ewwel aggravju huwa relatat mar-rabta u obbligi kontrattwali li, skond l-atturi, kienu jivvinkolaw u jirregolaw ir-rapport ta’ bejn “employer” u impjegat, jigifieri bejn il-konvenuti *qua* “employer” u l-attur Francis Buhagiar *qua* impjegat.

5.2. L-atturi jirreferu ghall-“Collective Agreement” esebit flimkien mal-affidavit ta’ Alfred Agius, Principal Officer fl-Ufficcju tal-President, u jissottomettu li r-riferenza generika fil-ftehim dwar id-dover tal-attur li fost ohrajn, bhala kok, “irid izomm il-kcina nadifa” ma kenitx tkopri u tinkludi wkoll il-hasil tal-art. Il-fatt li l-attur kien jigi ordnat jaghmel dan ix-xoghol ukoll, u huwa kien jobdi u jesegwih, ma kienx ifisser li dan “kien fil-paramentri (<u>recte</u> parametri) tax-xoghol tieghu”. U proprju ghar-raguni li l-attur kien jaghmel dan ix-xoghol fuq <u>ordni</u> tal-imghallem tieghu, jghidu l-appellanti, illi minn dan titnissel “prezunzjoni qawwija ta’ responsabbilita`”. Filwaqt li l-appellanti jaqblu li, kif gie ritenut mill-ewwel Qorti, fis-sistema tad-dritt Civili taghna r-responsabbilita` hija <u>*fault-based*</u> pero` huma jissottomettu li hemm responsabbilita` “mhux biss (f’)min

jikkawza dannu, tort jew nuqqas tieghu imma anke min jonqos minn xi dover impost fuqu bil-ligi.” Il-provi akkwiziti jikkonfortaw din it-tezi tieghu. Fi kliem iehor “jekk l-attur juri illi kien qieghed jaghmel id-dover normali, ir-responsabbilita` ta’ sinistru taqa’ fuq min ihaddem sakemm dan ma jurix cirkostanzi eccezzjonali jew straordinarji.” Hemm ghalhekk obbligazzjoni fuq l-“employer” li tersaq qrib hafna responsabbilita` ta’ natura oggettiva.

5.2. Barra minn hekk ri-apprezzament tal-fatti kif jemergu mill-provi jissufraga dak li gie sottomess mill-appellanti fir-rikors ta’ appell taghhom (u dan jorbot mat-tieni aggravju).

**<u>IT-TWEGIBA TAL-APPELLATI KONVENUTI</u>**

6. L-appellati konvenuti wiegbu li l-kuntratt ta’ impieg tal-attur appellant ma jispecifikax id-doveri ta’ “Cook” – pero` dawn jirrizultaw kjarament mill-ftehim kollettiv. It-tismija tad-dover li kok ghandu jzomm il-kcina nadifa “ma teskludi xejn safejn ghandu jwassal it-tindif fil-kcina”. Mix-xhieda prodotta jemergi li “l-kok kellu f’idejh il-kcina fit-totalita` taghha”. Li kieku l-attur hass li dak li kien qed jigi ordnat jaghmel kien imur oltre minn dak li gie ordnat, seta’ oggezzjona imma l-fatti juru li l-koki kollha, inkluz l-attur, kienu jafu li l-hasil tal-kcina kienet xi haga kompriza fid-doveri taghhom. Fil-ligi taghna, m’hijiex rikonoxxuta l-forma ta’ responsabbilita` maghrufa bhala “strict liability”. Ma gietx murija, tramite l-provi prodotti, li kien hemm xi rabta bejn id-danni subiti mill-attur in konsegwenza tal-incident u l-operat tal-konvenuti fil-konfront tieghu. Min jallega jrid jipprova, u l-attur ma rnexxilux jistabbilixxi xi nuqqas da parti tal-konvenuti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

7. Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi kollha akkwiziti, fid-dawl ukoll tas-sottomissjonijiet li sarulha kemm min-naha u kemm minn ohra, hija tal-fehma li dak li gie ritenut – b’mod tassew approfondit u studjat mill-ewwel Qorti u finalment deciz minn dik il-Qorti – kien gust u korrett. Huwa principju bazilari li min jallega jrid

jipprova. L-attur mhux talli fattwalment naqas milli jipprova xi nuqqas attribwibbli lill-konvenuti *qua* "employer" imma lanqas ghandu ragun meta jargumenta li d-doveri tieghu ta' kok ma kenux jinkludu l-hasil tal-art tal-kcina. Il-fatt li kien hemm ukoll klassi ohra ta' impjegati deskritti bhala "maids" u li dawn kienu addetti ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' xoghol ta' tindif, ma kienx necessarjament ifisser li x-xoghol ta' tindif tal-kcina, imsemmi fil-ftehim kollettiv fost id-dover ta' kok, ma kienx ikopri, anzi kien jeskludi, il-hasil tal-art tal-kcina. Lanqas ma tista' din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-atturi li darba li gie stabbilit li l-attur wegga' fuq il-lant tax-xoghol u fil-kors ta' dmirijietu, allura tezisti xi forma ta' "strict liability" jew "responsabbilita` oggettiva" li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb – billi jerfa' r-responsabbilita` – tas-sinistru li jkun sehh. Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilita` fejn jirrizulta event dannuz hija *fault-based*. Fi kliem iehor, f'kull kaz irid ikun hemm *nexus* ta' bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara. Darba li gie stabbilit li x-xoghol ta' tindif tal-art tal-kcina kien jinkwadra ruhu wkoll fil-mansjonijiet tad-doveri tal-attur *qua* kok, u darba li ma jirrizultax li l-konvenuti ghamlu xi att jew ikkontribwew b'xi mod biex isehh l-incident li fih korra l-attur Francis Buhagiar, din il-Qorti tinsab konvinta li dak li gie deciz mill-ewwel Qorti kien korrett u li l-aggravji tal-atturi huma infondati kemm fattwalment kif ukoll minn punto di vista ta' dritt. Hija haga naturali li minn aspett purament uman, il-Qorti jiddispjaciha li jkollha tirrigetta talba ghal kumpens maghmula minn impjegat li in disimpenn ta' obbligu impost fuqu u fil-qadi ta' dmirijietu u f'ufficcju hekk importanti bhalma huwa dak tal-President ta' Malta, jisfa' korrut, u fil-kaz in ezami b'mod pjuttost serju u permanenti. Imma huwa daqstant iehor inezorabbli d-dmir ewlieni ta' din il-Qorti li taghmel il-haqq mal-partijiet skond ma titlob u tghid il-ligi, irrispettivament minn konsiderazzjonijiet ibbazati purament fuq is-sentiment uman. Biex ikun inghad kollox, anke ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' apprezzament ta' fatt, ma hemm assolutament ebda raguni li tinduci lil din il-Qorti biex tvarja b'xi mod dak li gie deciz mill-Qorti tal-ewwel grad. L-ordni, jew inkarigu, li gie mgieghel jaghmel il-konvenut –

jigifieri li jahsel l-art tal-kcina – ma kienet tinvolvi xejn straordinarju jew riskjuz. Huwa ovvju u prevedibbli illi l-prezenza tal-ilma u materjal ta' hasil ser jikkawza l-possibilita` ta' zlieq u dan allura kien jitlob attenzjoni specifika ghal tali possibbilita`. Il-fatt li, bi sfortuna, l-attur zelaq – huwa kien wahdu fil-hin tal-incident – ma seta' qatt jissarraf f'xi htija jew htijiet attribwibbli lill-imghallem tieghu. Li kieku, per ezempju, irrizulta li l-attur inghata attrezzi bhal xkupa jew barmil li kellhom xi difett li wasslu jew ikkontribwew ghaz-zelqa, jew li kieku rrizulta li l-madum tal-art kien instabbli u jiccaqlaq u dan seta' ghin biex l-attur jitlef il-bilanc, allura wiehed seta' forsi jasal biex jara xi forma ta' ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilita` tal-"employer" talli ma pprovdiex "a safe system of work" lill-impjegat tieghu; imma ebda fatt ta' din ix-xorta ma jirrizulta mill-provi. Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li l-aggravji tal-atturi huma infondati u qeghda ghalhekk tirrespingihom.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------